PDF Compressor Pro



# In-Nunzju Appostoliku l-E.T. Mons. Tommaso Caputo f'Għawdex

Minn Charles Spiteri

Bħal ma ħabbarna fl-aħħar ħarġa ta' din il-gazzetta f'pagna 20, L-E.T. Mons. Tommaso Caputo, in-Nunzju Appostoliku l-ġdid għal Malta, għamel l-ewwel żjara tiegħu f'Għawdex.

Akkumpanjat mill-Ġiżwita żagħżugħ Fr Konrad Grech, l-E.T. Mons. Caputo ntlaqa' minn Mons. Isqof Mario Grech u flimkien mar-Rettur tas-Seminarju, Fr Daniel Xerri daħlu fil-Kappella tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, fir-Rabat, għal mument ta' talb.

Qabel ma' Mons. Caputo ħareġ mill-Kappella, xtaq ikun jaf aktar dwar Ikona li kien hemm fuq il-lemin, f'tarf it-taraġ tal-Kappella. Hawnhekk Fr Xerri spjegalu illi din l-Ikona hi t-tema gwida għal din is-sena għas-Seminaristi. Tintgħażel filbidu tas-sena tal-formazzjoni, mill-istess Seminaristi, sabiex fuqha issir meditazzjoni. Din tirrappreżenta lid-Dixxiplu l-Maħbub "imħaddan" u "mibgħut" minn Kristu.

Wara għadda biex ikellem lis-Seminaristi. F'kelmtejn Mons. Caputo qal illi hija barka illi Djoċesi hekk żgħira għandha numru hekk kbir ta' Vokazzjonijiet. Mons Caputo wera l-importanza ta' l-istudju tat-Teoloġija fejn imbagħad wieħed irid japplikaha fil-ħajja.

Minn hawn, akkumpanjat minn Mons. Isqof Mario Grech, Mons. Caputo mar jiltaqa' mas-Saċerdoti għal talb u riflessjoni fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, fir-Rabat. Hawnhekk, wara l-kant tas-Salmi, l-Arċipriet tal-Parroċċa t'Għajnsielem, Fr Frankie Bajada, f'isem il-Kleru, għamel diskors ta' merħba. Diskors ieħor sar minn Mons Isqof Mario Grech u li għalih irrisponda Mons. Caputo.

F'nofsinhar, is-Saċerdoti tad-Djoċesi flimkien mal-Patrijiet ta' diversi Kommunitajiet, qagħdu għall-ikla flimkien ma' Mons. Isqof Grech u n-Nunzju Appostoliku, fiċ-Ċentru Pastorali tar-Ragħaj it-Tajjeb.

Apparti mpenji oħra, Mons. Caputo akkumpanjat minn Mons. Isqof Grech u mill-Giżwita Fr



*In-Nunzju Appostoliku Mons Tommaso Caputo waqt id-diskors tiegħu fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb*

Konrad żaru l-Isptar Ġenerali t'Għawdex, fejn ġew milqugħa mill-Kappillani u Saċerdoti oħra li jservu f'dan l-Isptar, Fr Joe Cardona, Fr Michael Mintoff , Fr John Muscat, Mons. Frangisk Debrincat, Mons. Rużar Borg u l-Kanonku Joseph Sultana flimkien mas-*Superintendent* Mediku, Dr Anthony Livori u l-*Manager Nursing Services*, Paul Buttigieg. L-ewwel żjara saret lil Mulej, fil-Kappella. Imbagħad beda jżur u jitkellem mal-morda u l-familjari li kienu ħdejhom. L-ewwel is-C.C.U., u wara fis-Swali tan-Nisa, tal-Irġiel, il-Maternità u finalment l-Emerġenza. Mons. Caputo deher jagħti slaleb żgħar lill-pazjenti flimkien ma' xi santi bħala tifkira ta' din iż-żjara uffiċjali. Ma naqasx il-kliem ta' kuraġġ għal fejqan ta' malajr.

Minn hawn baqa' sejjer lejn il-Katidral fejn mexxa Konċelebrazzjoni Solenni flimkien mas-Saċerdoti tad-Djoċesi. Ikkonċelebraw ukoll Mons. Isqof Mario Grech u l-Isqof Emeritu għal Għawdex Mons. Nikol Cauchi.

Hawnhekk Mons. Isqof Grech għamel diskors ta' merħba u li għalih irrisponda Mons. Caputo.



*In-Nunzju flimkien ma' l-Isqof Grech fis-sala tal-maternità jbierek lit-tarbija tat-twelid Leah. Jidhru wkoll l-omm u l-missier Josette u Cory Farrugia. Il-koppja hi mill-Qala.*

Huwa sellem lill-miġemgħa kbira t'Għawdxin miġbura fil-Katidral bil-Malti. Fid-diskors tiegħu, Mons. Caputo waqt li rringrazzja minn qalbu lill-Isqof Monsinjur Mario Grech, għall-merħba u għall-istedina li għamillu li jmexxi dik il-Konċelebrazzjoni Ewkaristika fil-Katidral "…hekk sabiħ…", fil-bidu tal-ħidma tiegħu bħala Rappreżentant tal-Papa, sellem lil ħutu nsara, lill-membri tal-Kapitlu tal-Katidral, lir-Reverendi Saċerdoti, Patrijiet, Sorijiet u mexxejja tal-għaqdiet tal-lajċi.

Qabel ma rrifletta xi ftit fuq il-liturġija ta' dik il-ġurnata u qabel ma qal kelma fuq id-dmirijiet tar-Rappreżentant tal-Papa, kellu l-pjaċir li jwassal it-tislima u l-barka tal-Qdusija Tiegħu l-Papa. U dak li kitiblu l-Qdusija Tiegħu l-Papa fil-ħatra tiegħu bħala Nunzju Appostoliku għal Malta, meta qallu " Ibni l-għażiż, issa li ser tieħu fuqek innifsek din il-ħidma tqila, nixtieq infakkrek fil-kliem ta' l-Appostlu San Pawl, li kien żmien ilu milqugħ mill-Maltin '*bi ħlewwa li ma bħalha' (Atti 28,2) u nħeġġek biex iżżommhom dejjem quddiem għajnejk: 'Mhux għax irridu nsaltnu fuq il-fidi tagħkom, iżda li naħdmu flimkien għall-ferħ tagħkom, billi intom qegħdin iżżommu sħaħ fil-fidi'* (2 Kor 1,24).

"Dawn il-kelmiet ta' l-Appostlu Missierna San Pawl qanqluli qalbi jiena u ġej lejn Malta u meta laqgħuni "b'imħabba speċjali" l-Isqfijiet, il-Kap tal-Protokoll li jirrappreżenta l-Gvern, personalitajiet oħra distinti, kemm reliġjużi u kemm lajċi". Imbagħad huwa għadda biex isemmi l-ħidma tiegħu fl-Afrika (Rwanda), fl-Asja (Filippini) u fl-Amerika Latina (Veniżwela), fejn kien għalih dejjem ta' pjaċir u faraġ jiltaqa' ma' missjunarji Maltin żelanti: ma' xi wħud minnhom intrabat bi ħbiberija ta' aħwa. Żid igħid illi l-ħajja ta' dawn il-missjunarji kienet tirrifletti l-vitalità nisranija ta' din l-art imbierka.

Mons. Caputo temm id-diskors tiegħu b'appell għal talb ħalli tikber dejjem iżjed il-fidi ta' l-insara ta' Għawdex, ta' l-Isqof, tas-Saċerdoti, tar-Reliġjużi irġiel u nisa u tal-poplu kollu, immexxija mill-Ispirtu s-Santu, il-Qaddis, waqt li nisimgħu u nkunu fidili għall-Vuċi tiegħu. "…Ejjew nitolbu biex ħajjitna tkun koerenti, b'impenn u xogħol ta' mħabba fraterna, sabiex kif naqraw fit-tieni qari (1 Kor.) "Aħna msejħin biex insiru qaddisin flimkien ma' dawk kollha li jsejħu l-Isem ta' Ġesù Kristu"

Lejn tmiem il-Konċelebrazzjoni, l-Arċipriet Emeritu, Mons. Eucharist Sultana, għan-nom tad-Djoċesi ppreżenta ikona tal-Madonna Ta' Pinu lill-Eċċelenza Tiegħu, Mons. Caputo.



*L-Isqof t'Għawdex Mons Mario Grech u n-Nunzju Appostoliku Mons Tommaso Caputo (fin-nofs) ma' l-istaff u uffiċjali oħra ta' l-Isptar Ġenerali f'Għawdex. Mix-xellug jidhru Dr Anthony Livori, Ms Catherine Vella (Xewkija) Paul Buttigieg, (Qala), Anthony Zammit, (Victoria) u Michael Attard (Xagħra)*



*In-Nunzju Appostoliku Mons Tommaso Caputo fis-Seminarju*



*In-Nunzju Mons Tommaso Caputo waqt id-diskors ta' l-okkażjoni li għamel fil-Katidral. Fuq il-lemin tiegħu jidher Mons. Isqof Nikol G. Cauchi*



*In-Nunzju Mons Tommaso Caputo wara li rċieva rigal Ikona tal-Madonna Ta' Pinu, bħala tifkira taż-żjara tiegħu fid-Djoċesi.*

Café VALLETTA

Licenced Restaurant

12-14 O'Connell Street Sydney
Ph: (02) 9235 0455 Fx: (02) 9235 0466

Trading hours — Monday to Friday - 6.30am to 4.00pm; Saturday - 8.00am to 2.30pm

Closed on Sundays and Public Holidays

Pastizzi, Ravioli and other Maltese Specials are on offer every day. Saturday is dedicated to a full Maltese Specials Menu which varies every week.

Booking for Saturday lunch is recommended.

Cafè Valletta - Joe and Miriam Portelli Sponsor of Gozo Page